MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2014

Numru 970/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**Vs**

**Keita Savon**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Keita Savon, ta' tletin (30) sena, minn Mali u residenti Birkirkara, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 58204(A), talli fil-5 ta' Ottubru 2014:

1. Iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'Passaport jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi Passaport li hu kien jaf li gie iffalsifikat, mibdul jew sar xi tibdil fih f'isem Sidibe Backary, bi ksur ta' l-Artikolu 5 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija bi ksur ta' l-Artikolu 189 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi iffalsifika xi dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni bi ksur ta' l-Artikolu 32(1)(d) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti ta' dawn il-proceduri;

Rat illi a tenur ta' l-Artikolu 534AB tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti wissiet lill-imputat li fost affarijiet ohra ghandu d-dritt li jibqa' sieket;

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Rat illi l-ewwel u t-tieni akkuzi huma alternattivi ghat-tielet akkuza;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat talli fil-5 ta' Ottubru 2014, (i) iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'Passaport jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi Passaport li hu kien jaf li gie iffalsifikat, mibdul jew sar xi tibdil fih f'isem Sidibe Backary, bi ksur ta' l-Artikolu 5 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija bi ksur ta' l-Artikolu 189 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; (iii) matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi iffalsifika xi dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni bi ksur ta' l-Artikolu 32(1)(d) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imputat ammetta ghall-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu u fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel u tat-tieni akkuzi dedotti kontrih in kwantu huma alternattivi ghat-tielet akkuza, issibu hati tat-tielet akkuza dedotta kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, il-fatt li l-imputat ikkoopera mal-Pulizija u l-fatt li l-ewwel u t-tieni akkuzi huma alternattivi ghat-tielet akkuza.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 32(1)(d) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ttenni li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel u tat-tieni akkuzi dedotti kontra l-imputat in kwantu huma alternattivi ghat-tielet akkuza izda ssibu hati tat-tielet akkuza dedotta kontra tieghu, tikkundanna lill-imputat ghal disa' (9) xhur prigunerija, izda peress illi fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz jissussitu ragunijiet validi in bazi ghal liema tali terminu ta' prigunerija jigi sospiz ai termini tal-Ligi, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-

Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta tissosspendi dan it-terminu ta’ disa’ (9) xhur prigunerija ghal sena (1) b’effett millum.

A tenur ta’ l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta’ din is-sentenza sospiza u l-perijodu operattiv impost a tenur ta’ l-Artikolu 28B(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

Ai termini ta’ l-Artikolu 534AD tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-imputat ghandu jinghata kopja ta’ din is-sentenza tradotta fil-lingwa Franciza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------